SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 32/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/06/'10 261**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/06/'10 315**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u skrivana.

1.04 Kien preżenti ukoll l-Accountant tal-Kunsill.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-18 ta' Ġunju 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti

2. Korrispondenza
3. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Sindku
4. Reviżjoni tal-Financial Statements
5. Aġġornament dwar materja b'konnessjoni ma':-
   - Triq ir-Rampa
   - Kumpless Dun Anton Sciberras - Ta' Giorni
6. Aġġornament - Skema ta' Ġbir ta' Skart Separat
7. Aġġornament - Tender - Ġbir ta' Skart Domestiku
8. Aġġornament - Bye Laws - Ġbir ta' Skart minn Fondi Kummerċjali (emendi)
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 31/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 31/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 4 qabel item 2.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4 Reviżjoni tal-Financial Statements**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi saret laqgħa mal-awdituri tal-Gvern, irrappreżentati minn Ms Margaret Bonello Cole u Ms Ruth Sammut għan-nom tal-Grant Thornton, fil-preżenza ta' l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani u s-Segretarju Ezekuttiv Helen Walker.

4.02 L-Accountant tal-Kunsill spjega li din l-laqgħa saret biex:-

- jigu ċċarati xi punti li tniżżlu fid-draft management letter dwar emendi li kellhom isiru fil-financial statements.
- jiġu ċċarati xi punti oħra.

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li wara li saret din il-laqgħa, il-Kunsill irċieva korrispondenza nru. Inc. 3238/10 mingħand il-Grant Thornton u li ntbagħtet risposta mill-Kunsill b'riferenza nru. K0802/062/10 (Ara Appendiċi 'A').

4.04 L-Accountant għarraf lill-Kunsill li l-emendi li saru għall-financial statements għadhom ma tressqux quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni minħabba li l-Kunsill għad m'għandux konferma uffiċċjali mingħand Grant Thornton.

4.05 L-Accountant kompla jispjega li minħabba dan id-dewmien, li l-Kunsill m'għandux kontroll fuqu, ma jistgħux jiġu ppreżentati r-rapporti finanzjarju ta' kull kwart peress li jistgħu jinbidlu xi figuri ta' l-aħħar tas-sena li jistgħu jeffettwaw ir-rapporti għal din is-sena. Għalhekk, hu u s-Segretarju Ezekuttiv għamlu eżerċizzju finanzjarju (Ara Appendiċi 'B') u qed jingħata l-parir biex ma jibqgħux isiru aktar xogħolijiet ta' 'Repair & Upkeep' jekk ma jkunx xi xogħol ta' emerġenza. Dan minħabba li diġa nqabeż il-fond allokat.

4.06 L-Accountant għalaq billi nforma lill-Kunsill bis-sitwazzjoni li għandu jistenna risposta mingħand l-awdituri.

4.07 Il-Kunsill irringrazzja lil-Accountant u lis-Segretarju Ezekuttiv għall-ħidma tagħhom.

4.08 Is-Sur Padovani ġie skużat fl-2.55pm.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
| --- | --- |
| 2052 | Ittra mingħand is-Sur Mariano Bonello rigward it-tberik ta' l-annimali 2010. |

2220,1767 Email mingħand il-Faces Displays Ltd. rigward it-talba għal Bus Shelter fi Triq Ta' Giorni.

2388 Ittra mingħand Transport Malta rigward it-talba għar-Residential Parking Scheme fi Triq il-Mensija, San Ġiljan.

2389 Ittra mingħand Transport Malta rigward l-Un/Loading Bay fi Triq Elija Zammit, San Ġiljan.

2514 Email mingħand Ms Marie Therese Vassallo rigward il-Kunċert fil-Pjazza tal-Balluta.

2524 Ittra mingħand is-Sinjuri George Gauci u Kevin Galea rigward tlett iljieli ta' spettaklu b'talent Malti f'Xatt is-Sajjied, San Ġiljan.

2540 Ittra mingħand il-Parrocca San Ġiljan rigward talba sabiex jissemmew tlett toroq għal Dun Anton Sciberras, Dun Fortunato Axiaq u Fr. Philip Demarco.

2562 Email mingħand is-Supt. Stephen J. Gatt rigward il-Krejn abbandunat fi Triq William H. Prescott.

2586,K0505 Korrispondenza rigward Memo 15/2010 – Skema ta'
3306 Finanzjament lil-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali.

2681,2733 Emails mingħand l-Assoċjazzjoni Segretarji Ezekuttivi Kunsilli Lokali (Malta) rigward l-opportunita' ta' taħrig għas-Segretarji Ezekuttivi fi Brussels.

2709 Memo 70 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġġieri.

2804 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja Kumitat Amministrattiv Paceville (Lulju – Diċembru 2010).

2908 Memo 73 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

2946 Email mingħand it-TCTC rigward *ETFAL* u *LEARN IT Project.*

2996 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-informazzjoni mitlub mill-Kunsill dwar San Ġiljan u Paceville.

3011,3012 Ittri mingħand l-Għaqda tal-Armar u tan-Nar, Festa Madonna tal-Karmnu rigward attivitajiet li ser isiru fi żmien il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

3089 Ittra mingħand il-Każin Banda San Ġiljan rigward il-Kunċert Annwali li jsir f'Xatt is-Sajjieda.

3123 Ittra mingħand id-Dilettanti Knisja ta' Lapsi San Ġiljan għal talba ta' sponsorship.

3126 Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu, Balluta rigward attivita' li ser tittella fil-Pjazza tal-Balluta.

3147 Memo 52/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema ta' Għajnuna Finanzjarja Għal Korsijiet *LifeLong Learning*.

3152 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 51 – *WiFi Access Points* fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex.

3179 Email mingħand is-Sur Louis Padovani rigward l-emendi tal-*financial statements*.

3269 Ittra mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward l-*Upgrading of Balluta Bay-Renourishment of beach.*

3355 Fax mingħand it-Tribunal Lokali Lvant rigward kontravenzjonijiet – Talli irmejt, tfajt, ħallejt jew iddepożitajt żibel f'post pubbliku.

3357 Email mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward l-kontravenzjonijiet dwar l-iskart.

3369 Fattura mingħand l-Għaqda tan-Nar, Madonna tal-Karmnu rigward *advert*.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 2052

2.02 Saret riferenza għall-Minuti 31/K6/10 taqsima 3 paragrafu 3.09 li tittratta dwar ittra mingħand is-Sur Mariano Bonello rigward it-tberik ta' l-annimali 2010. Fejn ġie deċiż unanimament li l-Kunsill itella' attivita' għat-tberik ta' l-annimali fit-8 t'Awwissu 2010, u l-ispiża ma taqbizx dik tas-sena l-oħra. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv ġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li s-sena l-oħra din l-attivita' kienet parti mill-attivitajiet li organizza l-Kunsill flimkien mal-Kappillan (Ara Appendiċi 'C'). Għalhekk talbet lill-Kunsill jiċċara din il-materja.

2.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jorganizza l-attivita' tat-tberik tal-annimali b'kollaborazzjoni mas-Sur Mariano Bonello u li jsir pagament ta' €233 biex jagħmel tajjeb għall-parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 2220

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand Faces Displays Ltd. rigward it-talba għall-Bus Shelter fi Triq Ta' Giorni. Wara diskussjoni qasir ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mas-Sur Emmanuel Gatt tat-Transport Malta sabiex jitressaq il-*Bus Stop Sign* u l-*Bus Shelter* issir fejn ma jkunx ta' ikonvenjenza għar-residenti. Sadattant il-Faces Displays Ltd jiġu nfurmati bis-sitwazzjoni.

Rif. Nru. 2514

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Marie Therese Vassallo rigward il-Kunċert fil-Pjazza tal-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill itella' Kunċert nhar il-Ġimgħa 16 ta' Lulju 2010, fil-Pjazza tal-Balluta, b'kollaborazzjoni mas-Sinjura Marie Therese Vassallo u jithallas l-ammont ta' €233 biex jagħmel tajjeb għall-parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 2524

2.06 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur George Gauci u s-Sur Kevin Galea rigward tlett iljieli ta' spettaklu b'talent Malti f'Xatt is-Sajjied, San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li tingħata 'no objection' sabiex tittella' l-attivita' dment li jinħarġu l-permess kollha meħtieġa.

Rif. Nru. 2540

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Parrocca San Ġiljan rigward talba sabiex jissemmew tlett toroq għal Dun Anton Sciberras, Dun Fortunato Axiaq u Fr. Philip Demarco ġie deċiż unanimanent li din it-talba tintbagħat lis-Street Naming Committee.

Rif. Nru. 2586 u 3306

2.08 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward Memo 15/2010 – Fondi Speċjali għal-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali. Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Ġiet allokata s-somma ta' €35,000 għall-applikazzjoni fuq l-immaniġġjar tal-iskart, tindif u attendant għal-latrini.

- Waqt attivita' li saret fil-lukanda Le Meridien, il-Kunsill ġie pprezentat is-somma ta' €17,500.

- Il-kumplament tas-somma tingħata lill-Kunsill hekk kif id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jirċievi l-irċevuti meħtieġa li x-xogħol imsemmi tlesta.

2.09 Ġie deċiż li tintbagħat email lil-Lukanda Le Meridien bħala ringrazzjament talli ttellgħet din l-attivita' bla ħlas fil-lukanda tagħhom.

Rif. Nru. 2681 u 2733

2.10 Saret riferenza għall-emails mingħand l-ASKLM (l-Assoċjazzjoni Segretarji Ezekuttivi Kunsilli Lokali Malta) rigward l-opportunita' ta' taħrig għas-Segretarji Ezekuttivi fi Brussels. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill ta' l-opportunita' li ta sabiex setgħet tattendi dan it-taħriġ li sar

ġewwa Brussels mill-UDITE dwar "The Local Management of European Union Funds" kif ukoll għall-workshop organizzat minn PRIMO dwar "The economic crisis and its effect on Public Private Partnership". Hi ppreżentat kopja taċ-ċertifikat li ngħatat mill-UDITE flimkien mad-dokument li ngħataw tat-taħriġ (Ara Appendici 'D').

2.11 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ukoll kopja taċ-ċertifikat tas-City &Guilds fil-Business Studies.

Rif. Nru. 2709

2.12 B'riferenza għal Memo 70 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr tal-Passiġġieri. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill japplika għal-liċenżja tal-ferrovija mingħajr binarji jekk ma tinvolviex spejjez.

Rif. Nru. 2908

2.13 Saret riferenza għal Memo 73 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipproponi l-inizjattiva li jnaddaf qiegħ il-baħar, tal-Bajja ta' Spinola.

Rif. Nru. 3011

2.14 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tal-Armar, Festa Madonna tal-Karmnu rigward attivita' li ser tittella' bejn il-Ġimgħa 23 u l-Ħadd 25 ta' Lulju 2010 fil-Pjazza tal-Balluta. Ġie deċiż unanimament li tingħata 'no objection' sabiex titella' l-attivita' dment li jinħarġu l-permess kollha meħtieġa.

Rif. Nru. 3012

2.15 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tan-Nar, Festa Madonna tal-Karmnu rigward attivita' li ser titella bejn is-Sibt 17 u l-Ħadd 25 ta' Lulju 2010 fil-parti ta' ħdejn il-baħar faċċata tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Ġie deċiż unanimament li tingħata 'no objection' sabiex tittella' l-attivita' dment li jinħarġu l-permess kollha meħtieġa.

Rif. Nru. 3089

2.16 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Każin Banda San Ġiljan rigward il-Kunċert Annwali, iċ-Chairman informa lill-Kunsill li ħa ir-responsabilita' u ġiet organizzata attivita' nhar il-Ħadd 6 ta' Ġunju 2010, fuq Xatt is-Sajjieda. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jitħallas l-ammont ta' €233 biex jagħmel tajjeb għall-parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 3123

2.17 B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dilettanti Knisja ta' Lapsi San Ġiljan rigward talba ta' sponsorship, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-Artiklu 63A tal-Att Dwar Kunsill Lokali Kap. 363. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jagħmel reklam fuq il-magazine, LAPSI – L-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier, għal ammont ta' €250.

Rif. Nru. 3126

2.18 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu, Balluta rigward attivita' li ser tittella fil-Pjazza tal-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill itella' lejla ta' varjeta' fil-Pjazza tal-Balluta nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju 2010, b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta' Mużikali u l-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, u jsir pagament ta' €233 biex jagħmel tajjeb għall-parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 3147

2.19 Saret riferenza għal Memo 52/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema ta' Għajnuna Finanzjarja Għal Korsijiet *LifeLong Learning*. Iċ-Chairman infurma lill-Kunsill li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa li saret fil-31 ta' Mejju 2010 ġewwa l-Kunsill Lokali Mosta. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-kopja bl-informazzjoni twaħħlet fin-notice board ta' ħdejn il-Knisja u fin-notice board tal-Kunsill u li l-Kunsillier inkarigat li jieħu ħsieb li jiġbor l-interess tar-residenti għall-korsijiet ser ikun Edgar Montanaro.

Rif. Nru. 3152

2.20 B'riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 51 – *WiFi Access Points* fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex, il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba li għamel sabiex isir *WiFi Access Point* fil-Pjazza tal-Balluta ġiet milquha izda biex isir *WiFi Access Point* ieħor fil-Pjazza ta' Spinola dan mhux koper bl-iskema u għalhekk din ma ġietx aċċetta jekk mhux kontra pagament. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li peress li l-Kunsill irid iħallas sabiex isir *WiFi Access Point* fil-Pjazza ta' Spinola, dan ma jsirx.

Rif. Nru. 3355 u 3357

2.21 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand it-Tribunal Lokali Lvant u l-Kunsill Lokali Pembroke rigward l-kontravenzjonijiet dwar l-iskart. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrispondi lit-Tribunal Lokali Lvant li għandu jitfassal kliem wieħed, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz li jkun komuni għall-Kunsilli Lokali kollha li qegħdin fil-Kumitat Kongunt Lvant. Dan sabiex wara kull Kunsill iwaħħal l-istess tip ta' stickers fuq l-iskips li jkollu.

Rif. Nru. 3369

2.22 Saret riferenza għall-fattura mingħand l-Għaqda tan-Nar, Madonna tal-Karmnu fejn iċ-Chairman nforma lill-Kunsill li ħa r-responsabilita' biex sar reklam fil-magazine tal-festa għal ammont ta' €230. Ġie deċiż unanimament li din il-fattura titħallas.

## 3 Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Sindku

3.01 Iċ-Chairman nforma lill-Kunsill li l-post vakat ta' Viċi-Sindku ser jimtela' mill-Kunsillier Richard Scicluna skont artiklu 25 (2b) (Ara Appendiċi 'E'), jekk jaċċetta l-kariga, filwaqt li l-post vakat ta' Kunsillier imtela' mill-Kunsillier Raymond Cachia.

3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku (Ara Appendiċi 'F').

3.03 Iċ-Chairman għan-nom tiegħu u tal-Kunsill feraħ lill-Viċi-Sindku Richard Scicluna u lill-Kunsillier Raymond Cachia għall-kariga tagħhom.

**5 Aġġornament dwar materja b'konessjoni ma':-**

**Triq ir-Rampa**

5.01 Saret riferenza għall-Minuti 31/K6/10 taqsima 3 paragrafu 3.02, għall-ittra uffiċċjali mill-Kunsill Lokali San Ġiljan lil Schranz Ltd. rigward il-*platform* fi Triq ir-Rampa u għall-korrispondenza oħra b'konnessjoni mas-suġġett (Ara Appendiċi 'G'). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ineħħi l-*platform* li hemm fi Triq ir-Rampa u l-fattura tintbagħat lil Schranz Ltd. peress li t-talba għall-permess għat-*Tower Crane* saret minnhom.

**Kumpless Dun Anton Sciberras – Ta' Giorni**

5.02 B'riferenza għall-Minuti 30/K6/10 taqsima 4 paragrafu 4.11 ġie deċiż unanimament li ma għadx hemm il-bżonn li ssir il-laqgħa mal-MEPA. Dan minħabba li l-emendi tal-pjanti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-MEPA nru. PA05864/03 ġew approvati u kopja tal-korrispondenza ntbagħtet lill-Perit Stephen Farrugia sabiex jitkompla l-proċess ta' din l-applikazzjoni.

**6 Aġġornament – Skema ta' Ġbir ta' Skart Separat**

6.01 B'riferenza għall-ftehim propost mill-Green MT (Ara Appendiċi 'H', Inc. 3286/10), il-Kunsill ħa parir legali fejn ġie ggwidat li l-kuntratt kien fih ħafna żbalji u nuqqasijiet, għalhekk dan id-dokument ġie rranġat (Ara Appendiċi 'I' - Inc. 3388/10 u 3400/10) kopja tiegħu ntbagħat lill-Green Mt. Fil-fatt il-Green MT infurmat lill-Kunsill li ser tieħu parir legali min-naha tagħha qabel ma' jiġi ffirmat il-ftehim (Ara Appendiċi 'J' – inc. 3401/10).

**7 Aġġornament – Tender – Ġbir ta' Skart Domestiku**

7.01 Saret riferenza għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-sejħa għall-offerti għal Ġbir ta' Skart Domestiku mħallat (Ara Appendiċi 'K' - Inc. 2997/10). Il-Kunsill ġie nfurmat illi ttieħed parir legali u ntbagħtet ittra uffiċjali lid-Dipartiment mingħand l-avukat tal-Kunsill (Rif inc. 3285/10). Din ġiet ikkupjata lill-Kunsill Lokali Sliema. Sadattant il-Kunsill ser jibqa' għaddej bil-proċess sakemm ikollu *ruling* differenti mid-Dipartiment. Għalhekk kemm il-Kunsill Lokali Sliema kif ukoll il-Kuntratturi li tefgħu l-offerti ġew innotifikati verbalment bis-sitwazzjoni.

**8 Aġġornament – Bye Laws – Ġbir ta' Skart minn Fondi Kummerċjali (emendi)**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Bye-Laws emendati dwar Ġbir ta' Skart minn Fondi Kummerċjali (Ara Appendici ' L ').

8.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Bye-Laws kif emendati.

8.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Kopja ta' dawn il-Bye-Laws ser jintbgħatu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**9 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

9.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' M').

9.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

9.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

10.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2865 sa 2898 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'N').

10.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2865 sa 2898.

10.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

10.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11 Materji Oħra

11.01 B'riferenza għas-simenta li hemm bejn il-pitch ta' San Ġiljan Waterpolo Club u n-Neptunes Waterpolo Club, il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- L-applikazzjoni li saret min-naħa tan-Neptunes ġiet irrifjutata
- Il-Kunsill diġa oġġezzjona fil-permessi ta' qabel
- Il-Perit diġa ġie nfurmat sabiex jiftaħ l-applikazzjoni għand il-MEPA sabiex jsir aċċess għas-simenta

11.02 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nħarġet sejħa għal dawn l-offerti :-

- Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi. Avviz Nru. CMPU 52 – 05/2010
- Knis u tindif tat-toroq. Avviz Nru. SCS 52 – 06/2010
- Ġbir ta' Skart Goff. Avviz Nru. BR 52 – 04/2010

Dawn jagħlqu nhar it-Tlieta 6 ta' Lulju 2010 fl-10.00a.m.

11.03 Inġabru kwotazzjoni għall-*Cartridges / Toners* u ser tingħażel l-aktar offerta vantaġġjuza.

11.04 B’riferenza għall-Minuti 31/K6/10 taqsima 3 para 3.06 il-Kunsill ġie ggwidat mill-AKL u nħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet għal ‘The preparation of a Sustainable Energy Action Plan (SEAP)’. Dawn il-kwotazzjonijiet jagħlqu nhar it-Tlieta 6 ta’ Lulju 2010 fl-10.00a.m.

11.05 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li nħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet għal Accountancy Services. Din tagħlaq il-Ħamis 15 ta’ Lulju 2010 fl-10.00a.m.

11.06 Ġie deċiz unanimament li:-

- B’riferenza għall-Minuti 29/K6/10 taqsima 9 paragrafu 9.04, dwar il-kompetizzjoni għat-tfal tal-Iskola, ġie deċiż unanimament il-Kunsill jinfurma lill-iskola tas-Sacret Heart li ser jagħti ktieb lil kull parteċipant peress li l-komponimenti kollha kienu tajbin.
- isir avviż bla ħlas fuq il-paġni tat-tagħrif ġenerali fuq il-gazzetti lokali, rigward it-35+ a new social club u jitwaħħal avviż fin-notice board ta’ ħdejn il-knisja.
- Jinxtraw 3 USB’s external hard dics għal back-ups.
- Li tiġi rranġata l-‘notice board’ li hemm hdejn il-Kulleġġ Santa Klara – Skola Primarja San Ġiljan.

11.07 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill illi fid-9 ta’ Ġunju 2010 saret ‘self funding activity’ għal Għawdex u attendew 54 persuna.

11.08 Il-Kunsilliera Irene Borg ippreżentat lill-Kunsill l-ammont ta’ €500, bħala donazzjoni min-min għamel uzu mill-*5-a-side pitch* f’ Ta’ Giorni. Reggħet inġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li din mhiex il-procedura skont id-deċiżjoni li kienet ittiehded fl-laqgħa tal-Kunsill riferenza 39/K5/08 (Ara Appendiċi ‘O’).

11.09 Il-Kunsillier Edgar Montanaro wera x-xewqa li t-toroq li kienu jaqgħu taħt ir-responsabilita’ tal-Viċi-Sindku jibdew jaqaw taħt

ir-responsabilita’ tiegħu u dawk li għandu hu jingħataw lill xi ħadd ieħor.

11.10 Iċ-Chairman għarrfu li kien ser jikkunsidra t-talba tiegħu.

11.11 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fil-5.25 pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |